# It-Turiżmu 'l Barra minn Malta: Ir-Raba' Kwart tal-2023

NR 032/2024 Data tal-Ħruġ: 19 ta' Frar 2024

*Fir-raba' kwart tal-2023, it-turisti kollha li ħarġu 'l barra mill-pajjiż, li fil-fatt huma residenti ta' Malta li siefru, kienu stmati li jlaħqu 218,288; żieda ta' 21.1 fil-mija fuq l-istess perjodu ta' sena qabel. L-iljieli kollha mqattgħin barra mill-pajjiż laħqu l-1,494,943.*



**Ottubru-Diċembru tal-2023**

Matul it-tliet xhur trattati f'din l-istqarrija, saru b'kollox 140,554 safra 'il barra mill-pajjiż għall-btala; warajhom kien hemm 51,528 safra li saru għal żjarat lill-ħbieb u l-qraba. Il-biċċa l-kbira ta' dawn it-turisti kellhom bejn il-25 u l-44 sena (48.4 fil-mija), segwiti minn dawk fil-kategorija ta' bejn il-45 u l-64 sena (28.6 fil-mija) (Tabella nru 1).

Kemm it-turisti li siefru biex imorru f'pajjiżi tal-Unjoni Ewropea kif ukoll it-turisti l-oħra li telqu biex imorru f'pajjiżi oħra żdiedu b'19.3 fil-mija u b'26.6 fil-mija, rispettivament. L-Italja baqgħet il-pajjiż fejn l-aktar li jmorru n-nies minn Malta, b'persentaġġ ta' 33.3 fil-mija tas-safar kollu (Tabella nru 6).

L-iljieli kollha mqattgħin mit-turisti li siefru żdiedu bi 23.1 fil-mija sabiex kważi laħqu il-1.5 miljun lejl. L-akbar għadd ta' dawn l-iljieli (54.6 fil-mija) kienu mqattgħin f'akkomodazzjonijiet mikrija (Tabella nru 3). Matul dan is-safar, it-turisti qagħdu medja ta' 6.8 ljieli (Tabella nru 1).

Sena għal sena, bejn Ottubru u Diċembru, l-infiq kollu mit-turisti li ħarġu 'l barra mill-pajjiż żdied bi 23.6 fil-mija u laħaq il-€196.2 miljun, li jiġi daqs medja ta' €899 kull persuna (Tabelli nri 4 u 5).

**Jannar-Diċembru 2023**

Fis-sena 2023, is-safar kollu 'l barra minn Malta laħaq it-814,005 safriet (Tabella nru 7), li huma żieda ta' 35.3 fil-mija meta mqabblin mal-2022 (Tabella nru 7). Minnhom, in-numru ta' ljieli mqattgħin tela' bi 33.9 fil-mija, u qabżu l-5.6 miljun lejl (Tabella nru 9). Barra minn hekk, l-infiq kollu kien stmat li laħaq is-€734.8 miljun, li jiġi 42.0 fil-mija aktar minn dak irreġistrat fis-sena ta' qabel (Tabella nru 10).

## Ċart nru 1. L-għadd sħiħ ta' turisti li siefru 'l barra minn Malta, biż-żmien




## Ċart nru 2. It-tul medju taż-żjajjar bis-sena u t-tip ta' akkomodazzjoni

Ottubru-Diċembru




## Ċart nru 3a. L-infiq sħiħ, ras għal ras, mit-turisti li siefru 'l barra minn Malta

Ottubru-Diċembru




## Ċart nru 3b. L-infiq sħiħ, kull lejl, mit-turisti li siefru 'l barra minn Malta

Ottubru-Diċembru




## Ċart nru 4. L-infiq medju, ras għal ras, bid-destinazzjoni fejn ikunu marru t-turisti

Ottubru-Diċembru

